ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 22/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 9 ta' Novembru, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-11:00hrs.

## Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

## Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

## Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' familja, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 21

22.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 21 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-kumpanija ClearFlow+ dwar *Outdoor Potable Water Dispensers.*

22.3.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien bgħat l-interess tiegħu dwar dan u ssuġġerixxa li ssir *dispenser* ħdejn l-*open gym*.

22.3.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li nistennew aktar informazzjoni biex naraw jekk hemmx spejjeż involuti u tittieħed deċiżjoni skont dan.

22.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar *email* mill-Housing Authority rigward il-panelli li hemm fuq wieħed mill-appartamenti tal-Gvern.

22.3.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-*issue* u kien hemm qbil li s-Sindku jitkellem mal-kuntrattur. Il-Kunsilliera qablu li jekk il-kuntrattur ma jaċċettax li jirranġa din il-problema, il-Kunsill ikellem lill-Avukat biex jipproċedi.

22.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward is-sitwazzjoni u x-xogħol li għaddej fi Triq Valletta k/m Triq San Pietru.

22.3.3.1 Is-Sindku spjega li bħalissa f'dawn it-toroq għaddej xogħol minn tlett entitajiet u żewġ kuntratturi differenti. Hu qal li hu kien qed jikkordina magħhom kollha biex il-wiċċ tat-triq isir wieħed sħiħ.

22.3.3.2 Malli jitlestew is-servizzi kollha, ser isir wiċċ ġdid mir-roundabout ta' Triq l-Industrija għal Triq San Pietru k/m Triq Valletta u Triq Valletta k/m Triq Danny Cremona.

22.3.3.3 Apparti hekk is-Sindku ssuġġerixxa li s-*central strip* fi Triq Valletta tiġi rranġata biex jintrebaħ aktar parkeġġ f'din l-akwata. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

22.3.3.4 Fir-rigward ta' Triq San Pietru, l-Kunsilliera qablu wkoll li l-parkeġġ li hemm faċċata tal-kumpanija Multigas m'għandux jintmess.

22.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mir-Reġjun Nofsinhar rigward il-kuntratt tad-dawl. Hu qal li t-*tender* għalqet u ġiet aġġudikata u l-kuntrattur ser ikun qed jiffirma l-kuntratt mar-Reġjun Nofsinhar f'isem il-Kunsill Lokali kollha fi ħdanu.

22.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward talba mill-Għaqda Każini tal-Banda biex il-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala wirt intanġibbli fil-lista' rappreżentattiva tal-umanità tal-UNESCO.

22.3.5.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jibgħat ittra f'dan is-sens.

22.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien bagħat *reminder* rigward il-*fence* tal-*barracks* tas-suldati peress li dan kien għadu ma ġiex irranġat.

22.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Transport Malta rigward l-għeluq tat-triq waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola.

22.3.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill jibgħat risposta rigward dan fejn ninfurmawh li l-Kunsill diġa kkordina mal-iskola u rranġajna l-ħinijiet tat-tabelli kif mitlub. Il-Kunsill ma jħossx li għandu r-responsabilità li jpoġġi l-*barriers* u l-*bollards* biex jagħlaq it-triq.

22.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja fejn talbet li jsir parkeġġ għaliha.

22.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ninfurmawha li l-parkeġġi saru kollha kif kienu approvati qabel ma nqala' l-wiċċ tat-triq. Infatti l-Kunsill ser jitlob li jerġgħu isiru t-toqob tal-bollards li kien hemm qabel sar ix-xogħol.8

22.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward id-data tal-laqgħa annwali tal-lokalità.

22.3.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li kellha ssir laqgħa annwali sa nofs Diċembru biex fiha jiġu mressqa l-estimi finanzjarji.

22.3.9.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li l-laqgħa annwali tal-lokalità ma ssirx minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Fl-istat li qegħdin, il-Kunsill ma jistax joħroġ avviż għal-laqgħa annwali, liema laqgħa ġġor magħha numru ta' nies li jattendu.

22.3.9.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li l-laqgħa annwali ta' Diċembru 2020 ma ssirx, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

22.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021.

22.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill jerġa' jġedded il-polza tal-assikurazzjoni għall-Kunsilliera u l-istaff inkluż il-ħaddiema tal-RSSL.

22.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward skema ta' tħawwil ta' siġar f'żoni urbani fil-lokalità mill-Ministeru tat-Turiżmu.

22.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Viċi Sindku ser jara żoni fejn jista' jsir tħawwil ta' siġar biex inkunu nistgħu nibgħatu l-informazzjoni mitluba.

22.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward il-Proġett Kwarta Tajba fejn il-Kunsill intalab aktar informazzjoni dwar il-postijiet proposti.

22.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u minħabba li hemm ħafna Kunsilli li applikaw għal dan il-proġett qablu li jirtiraw l-applikazzjoni.

22.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-laqgħa mar-rappreżentanti tal-LEAP! ma kinitx saret minħabba li d-data proposta kienet fi żmien li l-Kunsill kien magħluq minħabba l-kwarantina.

22.3.13.1 Il-Kunsilliera qablu li jagħtu data oħra għal din il-laqgħa.

22.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu jitlob lid-Dipartiment biex isir it-tiġdid tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill xtaqx li jerġa' jinnomina lis-Sna. Antonella Galea bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

22.3.14.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din in-nomina u qablu unanimament magħha.

22.3.14.2 Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tara jekk is-Sna. Galea hux lesta li taċċetta din in-nomina u jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'din in-nomina.

22.3.15 Is-Sindku Terence Agius talab sospensjoni tal-laqgħa biex issir waqfa għall-ikel. Il-ħin f'dan l-istadju kien in-12:30hrs.

22.3.16 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsilliera biex jidħlu għat-tkomplija tal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-13:30hrs.

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

22.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn aktar spezzjoni fi Triq il-Barrieri għax qed ikun hemm ħafna karozzi u trakkijiet ipparkjati ħażin.

22.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u qablu li tintalab is-sorveljanza tal-LESA f'din l-akwata.

22.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ssuġġerixxa li kull meta l-Kunsill jagħmel xi proġett jew xogħol fil-lokalità, għandu jsir poster żgħir li jeħel fuq il-post biex il-pubbliku jkun infurmat bix-xogħol li jkun ser isir.

22.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u qablu unanimament magħha.

22.4.3 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar jekk kienx hemm risposta dwar il-puġġaman li sar f'parti mit-taraġ ta' wieħed mill-appartamenti tal-Gvern.

22.4.3.1 Is-Sindku qal li sakemm dħalna għal-laqgħa kien għadu qed jistenna risposta.

22.4.4 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar x'hemm bżonn isir biex jiċċaqlaq arblu tad-dawl li jkun qed jostakola entratura ta' binja.

22.4.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillier Galea biex jgħaddi d-dettalji ta' dan l-arblu lill-aministrazzjoni biex ikunu jistgħu jiċċekkjaw mal-Enemalta.

22.4.5 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-ħinijiet tal-għeluq ta' Triq San Benedittu għax kellu informazzjoni li t-triq qed tingħalaq u tibqa' magħluqa aktar mill-ħin stabbilit.

22.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tara mal-iskola x'qed jiġri u titlob biex jinżammu l-ħinijiet minħabba l-inkonvenjent għar-residenti.

22.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk *gas heaters* humiex kunsiderati bħala *white goods*.

22.4.6.1 Is-Sindku Terence Agius ser jiċċekkja dwar dan.

## 22.5 Rapport tal-Ilmenti

22.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment mingħand resident rigward mera fi Triq Karlu Darmanin k/m Triq Danny Cremona.

22.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u ġie deċiż li ssir mera f'dan il-post. Apparti hekk ġie deċiż li ssir mera wkoll fi Triq il-Barrieri k/m Triq Danny Cremona.

22.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva ilment rigward parkeġġ ta' karozzi quddiem il-bieb tan-nies fi Triq San Rokku.

22.5.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u ġie deċiż li jsir *double yellow* line fil-kantuniera.

22.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva ilment rigward sewqan eċċessiv mill-għalliema fi Triq Giovanni Cassar.

22.5.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u ġie deċiż li tintbgħat email lill-prinċipal biex jinforma lill-għalliema biex titnaqqas il-veloċità fl-area tal-iskola. Apparti hekk ser jiġu ordnati speed limit signs biex jitwaħħlu f'din it-triq.

22.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fis-sistema tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 22.6 Miżura 4.4 – Bini ta' Hitan tas-Sejjieħ

22.6.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Avukat kien bagħat ittra lis-sidien tal-għelieqi li ma kienux taw il-permess tagħhom biex isir il-proġett ta' bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq San Ġwann k/m Triq Dun Ġużepp Barbara.

22.6.2 Is-Sindku kompla jgħid li sakemm dħalna għal-laqgħa il-Kunsill kien irċieva risposta waħda, liema risposta kienet fl-affermattiv, iżda s-sid talbet li l-Kunsill jagħti garanzija għal dejjem fuq il-ħitan. Il-Kunsill ma jistax jagħti garanzija għal dejjem iżda jista' jagħti garanzija għal ħames snin hekk kif marbut ukoll skont il-Miżura 4.4.

22.6.3 Is-Sindku qal li l-Avukat kien ser jinforma b'dan lis-sid. Apparti hekk, l-Avukat kien ta 10 t'ijiem ċans lis-sidien biex iwieġbu għall-ittra, liema żmien jiskadi din il-ġimgħa.

22.6.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ser jippruvaw ikellmu lis-sidien biex ningħataw risposta.

22.6.5 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-15:00hrs.

## 22.7 Rampa u Taraġ tal-Entratura tal-Librerija tal-Iskola

22.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-rampa tal-librerija kienet lesta u l-Kunsill kien irċieva l-kont tagħha, liema kont għadda għand il-Perit għaċ-ċertifikazzjoni.

22.7.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu li malli l-Kunsill jirċievi ċ-ċertifikazzjoni tal-Perit dan il-kont għandu jitħallas biex il-Kunsill ikun jista' jitlob għar-rifużjoni mingħand id-Dipartiment peress li dan ix-xogħol sar taħt Ċirkulari Nru. SPI10/2019 – Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali.

22.7.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tax-xogħol bil-konkos tar-rampa u t-taraġ tal-librerija tal-iskola, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

22.7.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kienu ddiskutew fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien ġab stimi għall-irħam tat-taraġ tal-librerija. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti li tintgħażel l-orħos offerta.

22.7.5 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li l-irħam tat-taraġ tal-librerija tal-iskola jiġi ordnat mingħand l-orħos offerent, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

22.7.6 Apparti hekk, il-Kunsill kien ġab ukoll stimi għall-puġġaman tat-taraġ. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti li tintgħażel l-orħos offerta.

22.7.7 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li l-puġġaman tat-taraġ tal-librerija tal-iskola u tal-iskola jiġu ordnati mingħand l-orħos offerent, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

22.7.8 Il-Kunsilliera qablu li ssir tabella dwar ix-xogħol li qed isir mill-Kunsill fuq ir-rampa tal-librerija u r-rampa tal-iskola.

## 22.8 Tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani – Triq l-Industrija

22.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien iltaqa' mal-Perit biex ġie infurmat dwar it-tibdiliet li kienu meħtieġa fil-pjanta tat-tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani fi Triq l-Industrija.

22.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li saret ukoll l-applikazzjoni għall-iskema tal-aċċessibilità biex jiġi inkluż lift ma dan il-proġett.

22.8.3 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Perit kien għadda l-pjanta *updated* lill-Kunsill u dawn kienu qed jiġu mpoġġija fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

22.8.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-pjanta u qablu magħha. Huma talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat il-pjanta lill-Ministeru għall-approvazzjoni.

## 22.9 Kwotazzjonijiet - Skema dwar CCTV mir-Reġjun Nofsinhar

22.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill kien applika għall-iskema dwar CCTV mir-Reġjun Nofsinhar u l-applikazzjoni tagħna ġie approvata.

22.9.2 Apparti hekk, il-Kunsill kien ġab stimi għal CCTV ġodda biex isiru taħt din l-iskema. Il-Kunsilliera ddiskutew dawn l-istimi u qablu li tintgħażel l-orħos offerta.

22.9.3 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li s-CCTV tiġi ordnata mingħand l-orħos offerent, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

22.9.4 Is-Sindku Terence Agius qal li hu kien iltaqa' mas-*supplier* tal-*cameras* biex jaraw eżatt kif ser isir ix-xogħol. Hu qal ukoll li kienu raw Misraħ San Leonardu biex jaraw kif din tista' tiġi *monitored* ukoll.

22.9.5 Il-Kunsilliera qablu wkoll li jaraw internet points u fejn l-aħjar isiru meters tad-dawl biex isir pjan ħolistiku biex jekk isiru aktar CCTVs ikunu jistgħu jitqabbdu magħhom.

## 22.10 Laqgħa mal-Comitè de Jumelage Rousset

22.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Comitè de Jumelage rigward talba biex issir laqgħa *online* f'Diċembru.

22.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li nissuġġerixxu s-16 ta' Diċembru, 2020 fis-19:00hrs.

22.10.3 F'din il-laqgħa il-Kunsill ser jitkellem mal-Comitè de Jumelagw Rousset biex naraw kif ser immexxu. Apparti hekk il-Kunsill ser ikun qed jinfurmahom li inħatar Sotto Kumitat biex jaħdem fuq proposti ġodda li jistgħu jaħdmu fuqhom iż-żewġ villaġġi.

## 22.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

22.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 108 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

22.11.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 108 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 22.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

22.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

22.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 16 ta' Diċembru, 2020 fl-16:00hrs.

22.12.3 Il-laqgħa ntemmet fl-16:10hrs.

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 16 ta' Diċembru, 2020

**Mozzjoni Ref:** 113/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 21.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 114/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-laqgħa annwali tal-lokalità ta' Diċembru 2020 ma ssirx minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 115/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 116/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat il-ħlas tax-xogħol bil-konkos tar-rampa u t-taraġ tal-librerija tal-iskola.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 117/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat li l-irħam tat-taraġ tal-librerija tal-iskola jiġi ordnat mingħand l-orħos offerent.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 118/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat li l-puġġaman tat-taraġ tal-librerija tal-iskola u tal-iskola jiġu ordnati mingħand l-orħos offerent.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 119/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 108.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**